KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 51/7/194/18

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 51

*It-Tlieta 30 ta' Ottubru 2018*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru 2018. Il-laqgħa kienet skedata għall-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-Kunsillier |
| **Assenti b'apoloġija** | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| (Skont Ordni Permanenti | Nicholas Seychell-Kunsillier |
| 14A (3): | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsilliera Spiteri, Seychell u Bartolo talbu biex ikunu skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw dawn l-apoloġiji u qablu li l-membri ikunu skużati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 49 u 50 ġew approvati *nem com.*

2.2. Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk kienx hemm risposta dwar it-traffiku fi Triq San Ġużepp. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li ma kienx hemm risposti.

## 3. Korrispondenza

3.1. Ittra mingħand l-impjegat Keith Parnis fejn qed jitlob lil Kunsill japprova li jiġġeddidlu il-massimu tal-leave għas-sena 2019. Il-membri approvaw.

3.2. Ittra mingħand l-Av. Phyllis Aquilina titlob lil Kunsill €2,300 għad-danni li ġarrab il-klijent tagħha wara li laqgħat gallarija bit-trakk tiegħu fi Triq il-Ġdida kawża ta' allegat stat ħażin tat-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fid-dawl tal-urġenza fit-talba tal-ittra huwa kien talab lil Av. Byron Camilleri sabiex jirrispondi f'isem il-Kunsill li ma jarax kif il-Kunsill għandu jinżamm responsabbli għal dan il-każ. Il-membri approvaw dan.

3.3. Korrispondenza mingħand is-Sinjura Demaris Agius sabiex tiġi organizzata attività ta' Halloween mal-Kunsill Lokali Paola.  Il-Viċi Sindku xtaq jgħid li huwa kien qed jgħin ukoll f'din l-attività. Is-Sindku żied illi l-istess Agius kellmet lilu sabiex din l-attività tiġi organizzata fl-2019 però huwa ħeġġiġha sabiex din issir din is-sena u għaldaqstant talabha sabiex tibgħat aktar dettalji bil-miktub lil Kunsill sabiex din l-attività tiġi approvata f'din il-laqgħa. Il-membri qablu li din l-attività issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Paola fejn il-Kunsill jagħmel tajjeb għall-kirjiet tal-*jumping castles* bil-massimu tal-ammont ikun €500. Il-Kunsillier Lynch xtaq iżid illi huwa iddispjaċih kif l-attività ħarġet fil-pubblika qabel ma ġew diskussi dawn l-affarijiet fil-Kunsill u talab sabiex dan ma jerġax isir. Is-Sindku żied illi attivitajiet simili għandom ikunu diskussi mal-membri tal-Kunsill qabel nipproċedu.

## 4. Suq fil-Beraħ

4.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni fuq dan il-punt tal-aġenda fejn qal li tul dawn is-sentejn huwa kien qed jiltaqa' ma entitajiet differenti fejn jiddiskuti magħhom is-sitwazzjoni tas-suq. Kompla li huwa kien tkellem ukoll f'seminar tal-AKL fejn kien mwiegħed li ser toħroġ *white paper* dwar dan is-suġġett. Is-Sindku kompla li għajnuna dwar dan is-suġġett il-Kunsill qatt ma sab u dan kien diskuss f'laqgħat preċedenti fejn il-membri qablu li jekk ma titteħidx azzjoni, is-suq jingħalaq.

4.2. Il-Kunsillier Lynch qal li huwa kien qed jissuġġerixxi illi jintuża l-ispazju fi Ġnien il-Mediterran sabiex jarma il-monti għal imqar ġurnata. Is-Sindku qal li huwa kien tiġa semma dan is-suġġeriment però dejjem qalulu li minħabba is-sigurtà tal-ħabs din taf tkun problema.

4.3. Hawnhekk is-Sindku ippropona li wasal iż-żmien li tintbagħat ittra lil Ministeri konċernati li telenka il-problemi tas-suq fejn dan is-suq jiġi regolarizzat u organizzat u jkun imniżżel li jekk fi żmien għaxar t'ijiem ma jsir xejn il-Kunsill jieħu l-azzjoni kollha meħtieġa. Il-membri qablu wkoll li din l-ittra toħroġ fil-pubbliku billi tintbagħat lil ġurnalisti u fuq il-midja soċjali tal-Kunsill.

## 5. Proġett Pjazza Antoine De Paule

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li kien avviċinat mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali fejn informawh illi s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja u Gvern Lokali talab li l-Kunsill Lokali Paola jagħmel tajjeb għall-ispejjeż dovuti lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex isir "topographic survey" ġdid tal-pjazza bl-ispiża tkun ta' €5,779. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li dan l-istudju iwassal sabiex ikun jista' isir master plan mill-istess Awtorità li jiċċara fejn u kif għandom jitpoġġew l-imwejjed u s-siġġijiet fil-pjazza. Il-membri approvaw illi isir dan ix-xogħol bl-ispejjeż ikunu assorbiti mill-Kunsill.

## 6. Offerti

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi wasal li joħroġ it-tender taż-żebgħa u t-tabelli tat-toroq. Il-membri approvaw li toħroġ din is-sejħa bil-valur tal-offerta ikun ta' €65,000 għal erba' snin.

## 7. Jum Paola

7.1. Il-Kunsillier Lynch qal li kompla ix-xogħol fuq Jum Paola fejn irid jiġi konfermat eżatt kif ser noperaw fis-sala tal-iskola tal-ALP. Qal li fadal biss li insibu compare għall-attività.

7.2. Il-membri ikkonfermaw l-unuri li ser jingħataw kif ġej:

7.2.1. **Ġieħ Paola**: Simon Schembri

7.2.2. **Rikonoxximenti**: Joseph Ellul, Emmanuel Cauchi, Bernardette Spiteri, Vivienne Aquilina, Vince Williams, Joseph Mizzi, Sharon Borg Dimech, Anna Scerri, Julie Azzopardi u Tanya Zammit.

## 8. Attivitajiet Milied 2018

8.1. Is-Sindku informa lil membri illi ser isiru dawn l-attivitajiet għall-żmien il-Milied:

8.1.1. 7-9 ta' Diċembru- *Weekend break* ġewwa Ghawdex

8.1.2. 12 ta' Diċembru- Party tal-Anzjani

8.1.3. 13 ta' Diċembru-Milied f'Casal Paola

8.1.4. 21 ta' Diċembru *Dinner Dance*

8.1.5. Attivita għat-tfal fil-bidu ta' Jannar.

8.2. Is-Sindku informa lil membri illi l-Kunsill kien irċieva l-flus mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali marbuta mal-attività tal-Milied li sargħet is-sena l-oħra. Kompla billi ippropona li jekk is-Segretarjat għall-Gvern Lokali ma jikkonfermax li ser jagħti l-għajnuna b'risq l-attività tal-Milied ta' din is-sena, din issir xorta waħda u l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-parti tal-ispejjeż li normalment iħallas id-Dipartiment u jew is-Segretarjat. Il-membri approvaw.

8.3. Is-Sindku qal li huwa kien tkellem mal-għaqdiet dwar il-kompetizzjoni marbuta mal-armar tal-Milied fejn huwa qal li l-istess għaqdiet laqgħu ħafna din l-idea b'mod pożittiv.

8.4. Dwar il-party tal-anzjani is-Sindku ippropona illi wara li kienu saru ħafna nuqqasijiet fl-entratura min-nies li attendew u anke fir-rigal li l-Kunsill jagħti f'dan il-party, ir-rigal jingħata meta wieħed jixtri l-biljett filwaqt li mal-bieb għandu ikun hemm Pulizija illi jara li kulħadd ikollu biljett. Il-membri qablu, filwaqt li żiedu li l-Kunsilliera u l-partners tagħhom flimkien mal-istaff/helpers tal-Kunsill huma intitolati li jidħlu b'xejn. Il-membri qablu li l-prezz ikun ta' €8 għal-kull biljett.

## 9. Sessjonijiet ta' Nutrizzjoni u Zumba

9.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kienu resqu lejn il-Kunsill żewġ persuni li jixtiequ jagħmlu sessjonijiet ta' nutrizzjoni u zumba fis-sala tal-Kunsill. Is-Sessjonijiet ta' nutrizzjoni qed jiġu offruti b'xejn lil Kunsill filwaqt li l-ħlas taz-zumba ikun ta' €25 għall-kull sessjoni. Il-membri approvaw li dawn isiru u min jattendi iħallas €5 ħlas ta' reġistrazzjoni.

## 10. Rapport ta' kull Kwart

10.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lil membri ir-rapport tal-kull kwart għall-perjodu li jintemm f'Settembru. Il-membri approvaw dan ir-rapport.

## 11. Komunikazzjoni mis-Sindku

11.1. Is-Sindku qal x-xogħolijiet fi Ġnien Lorry Sant ser jitkomplew fil-ġranet li ġejjin sabiex jitranġa il-ħadid tal-madwar filwaqt li qed jistenna mingħand l-ELC dwar ix-xogħolijiet li mistennija isiru fl-istess ġnien.

11.2. Is-Sindku informa lil membri illi beda ix-xogħol fl-akwata tal-flats ta' Triq Ġużè d'Amato.

## 12. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.1. Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar meta ser isir ix-xogħol fi Ġnien Pawlu Boffa. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol mistenni isir fil-ġranet li ġejjin.

12.2. Il-Viċi Sindku qal li Projects Malta qed titlob lil Kunsill sabiex isiru żewġ flood lights sakemm isir id-dawl il-ġdid tal-ġnien kif ukoll sabiex jiġu pprovduti bi skips. Is-Sindku qal li huwa ser jitkellem ma Projects Malta dwar dawn ix-xogħolijiet. Il-Viċi Sindku kompla li għandu wkoll isir xogħol fuq il-bankini però dawn għandom jitkellmu mal-Kunsill.

12.3. Il-Viċi Sindku xtaq jissuġġerixxi li l-impjegat Ivan Ciangura jerġa jieħu bonus bħal ma ħa is-sena l-oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan għandu ikun diskuss flimkien mal-*performance appraisals* tal-ħaddiema l-oħra f'Diċembru.

12.4. Il-Kunsillier Muscat xtaq jirrimarka li diversi residenti avvicinawh sabiex il-Kunsill jagħmel sforz biex il-funtana/għajn tal-ilma li kienet fil-pjazza però biż-żmien ġiet trasferita f'Kastilja tirritorna lura f'Raħal Ġdid. Is-Sindku qal li talbiet simili ġieli saru però qatt ma kienu ġew aċċettati.

12.5. Il-Kunsillier Muscat xtaq jissuġġerixxi illi isir marċ finanzjat mill-Kunsill fil-Ġimgħa l-Kbira u li fih issir purċissjoni bil-kurċifiss. Is-Sindku qal li l-kunsill m'għandux jidħol sabiex jorganizza marċi b'aspetti reliġjużi. Il-membri qablu ma dan il-ħsieb tas-Sindku.

12.6. Il-Viċi Sindku xtaq jgħid li tiġa kien avviċinat sabiex issir attività tal-Karnival però dawn għadhom biss ideat.

12.7. Il-Kunsillier Muscat xtaq ifakkar fit-talba li kien għamel biex isir fanal fi Triq il-Gurbell. Is-Sindku informa lil Kunsillier li għad qed isir xogħol fuq dawn il-fanali.

12.8. Il-Kunsillier Muscat xtaq jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqasijiet li qed isiru fil-grawnd ta' Pace Grasso fejn persuni qed iħallu vetturi bla liċenzja fil-post kif ukoll anke fuq abbużi ta' drogi. Il-membri qablu li ninfurmaw b'dan lis-Segretarjat għall-Gvern Lokali/Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta li huwa responsabbli għal dan l-ispazju. Il-Kunsillier Muscat insista li l-Kunsill għandu jirrapporta bis-saħħa dwar dan.

## 13. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

13.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 51 għas-somma ta' €95,519.24

## 14. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

14.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6.45pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 28 ta' Novembru 2018.

14.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 28 ta' Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |